# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar id-19 ta' Frar 2024

**Rikors Nru : 246/2023JPG**

**Kawza Nru : 22**

**GS**

**vs**

**AS**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-attur datat 28 t'April 2023 a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

*Illi il-partijiet izzewwgu fil-hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996) gewwa Paola u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom bin-numru tar-registrazzjoni 1861/1996 hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok. GS1****;*

*Illi il-partijiet xoljew u illikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat in atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella fil-erbgha (4) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax(2012) hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok. GS2****;*

*Illi minn dan iż-żwieg taghhom il-partijiet kellhom zewg ulied illi illum huma it-tnejn maggiorenni;*

*Illi l-partijiet ilhom separati de jure għal aktar minn ghaxar snin;*

*Illi r-rikorrenti jiddikjara li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemm l-ebda pretensjonijiet reċiproċi dwar manteniment;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi llum ghandhom ħajja totalment separati minn xulxin;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega għall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

*2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' AS li jaqra hekk: (Vide Fol 28)

1. *Filwaqt illi l-konvenuta ma topponix ghall-pronunzjament evetwali tad-divorzju, bejnha u bejn l-attur ladarba huma ilhom separati kwazi ghaxar (10) snin, u ma hemm ebda lok ta' rikonciljazzjoni, tosserva illi d-divorzju jista' jigi pronunzjat biss wara li jkunu tharsu l-kondizzjonijiet li trid il-ligi fl-art 66B tal-Kodici Civili.*

2. *L-esponenti tirrileva li l-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet (esebit mill-attur bhala dok GS 2 jistipola fil-para 6a illi l-attur jivversa lill-mara bhala*

*manteniment ghall-ulied is-somma ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar ghal kull wil li ghandu jizdied awtomatikament kull tliet snin skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Il-kuntratt jghid ukoll illi l-attur ghandu jhallas nofs l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni. Minkejja dan, l-attur baqa' jhallas biss mitejn euro (€200) fix-xahar bhala manteniment ghal binhom MA li llum ghandu X sena u ghadu jistudja fl-MCAST – u wkoll baqa' jhallas biss mitejn euro (€200) fix-xahar ghal binthom JR sa ma din saret maggorenni, u qatt ma hallas iz-zieda fl-gholi tal-hajja u lanqas ma baqa' jhallas nofs l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni kif intrabat li jaghmel fil-kuntratt ta' separazzjoni.*

3. *Ghaldastant id-divorzju ma jistax jigi pronunzjat qabel ma l-attur ihallas l-arretrati dovuti minnu b'sehh minn dakinhar tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-4 ta' Ottubru 2012.*

4. *Il-konvenuta tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha BG.*

5. *Il-konvenuta ma ghandhiex tehel l-ispejjez ta' din il-kawza.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tat-18 ta' Jannar 2024 fejn l-intimata ddikarajt illi ma ghadx hemm arretrati ta' manteniment in vista tal-pagament li sar seduta stante. Di piu', l-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Fol 32)

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 19) illi l-partijiet izzewgu nhar il-11 t'Ottubru 1996 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum it-tnejn maggorenni. Sostna illi l-kontendenti sseparaw

permezz ta' kuntratt datat 4 t'Ottubru 2012 in atti tan-Nutar Dr Nicholas Vella. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u li ilhom jghixu hajja totalment independenti u separata minn xulxin u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimata xehdet** (vide fol 22) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha gja ladarba gew imhallsa, fil-mori tal-kawza, l-arretrati ta' manteniment konsistenti fiz-zidiet tal-gholi tal-hajja biex b'hekk il-manteniment zdied ghal €500 fix-xahar. Ghaldaqstant l-intimata ma kellhiex oggezzjoni ghad-divorzju. Iddikjarat ukoll li tixtieq tirriverta ghal kunjom xbubitha BG.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-11 t'Ottubru 1996, liema zwieg jgib certifikat numru 1861/1996 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, illum it-tnejn maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 4 t'Ottubru 2012 in atti tan-Nutar Dr Nicholas Vella. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment wara li saru l-hlasijiet elenkati fil-verbal datat 18 ta' Jannar 2024. (Vide Fol 32).

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1861/1996 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Tordna li l-intimata tirriverti ghal kunjom xbubitha BG u tordna lir-Registratur jiehu l-passi mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**